MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 55/2014

**Philip Mifsud**

**Vs**

**Avukat Generali**

Permezz ta’ rikors prezentat fid-29 ta’ Lulju 2014, l-attur ippremetta u talab:-

*Illi fl-20 ta' Mejju, 2014, ir-rikorrent gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti in segwitu ghal mandat ta' arrest ewropew (EAW) mahrug mill-"GIP del Tribunale di Genova" li bih intalab li jigi mibghut minn Malta lejn l-Italja sabiex iwiegeb ghar-reati ta':*

*(a) "aggravated smuggling of foreign tobacco products";*

*(b) "forgery of public documents committed by a public officer on the grounds of an error induced by the deceit of others";*

*(d) [recte: (c)] "smuggling of foreign tobacco products";*

*(a) [recte: (d)] "criminal association for the purpose of smuggling foreign tobacco products, which he promoted and organised".*

*Illi b'sentenza tat-18 ta' Gunju, 2014, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti ordnat li r-rikorrent jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn l-Italja. Din l-ordni saret bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tieghu lejn l-Italja tkun soggetta dejjem ghall-"law of speciality" ossija in konnessjoni mar-reati addebitati lilu fl-EAW. Inoltre il-Qorti rrakkomandat bil-qawwa kollha lill-Awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin nonche` lill-Awtoritajiet Kompetenti tar-Repubblika ta' l-Italja li jipprovdu f'kull hin dik l-assistenza u ghajnuna medika u farmacewtika kollha mehtiega lir-rikorrent sabiex il-kundizzjonijiet kollha tas-sahha tieghu kemm jista' jkun ma jigux pregudikati.*

*Illi l-Qorti tal-Magistrati ddecidiet ukoll li, la darba kienet giet informata li r-rikorrent intavola proceduri fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili (bin-numru 152/2014 JRM) fl-ismijiet "Philip Mifsud v. Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja et.", ghandom japplikaw it-termini stabbiliti fl-artikolu 21(2) ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni, applikabbli bis-sahha ta' l-artikolu 33 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004 (aktar 'l quddiem imsejjah bhala "l-Ordni").*

*Illi wara li r-rikorrent intavola appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, b'sentenza tat-23 ta' Lulju, 2014, cahdet l-appell tieghu u kkonfermat is-sentenza appellata.*

*Illi, ghall-finijiet ta' kjarezza, ir-rikorrent ser jispjega l-iter ta' x'wassal ghall-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti liema ordni giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali:*

i. *Fil-31 ta' Lulju, 2013 inhareg mandat ta' arrest ewropew mill-"GIP del Tribunale di Genova" li bih intalab li r-rikorrent jigi mibghut minn Malta lejn l-Italja sabiex iwiegeb ghar-reati fuq elenkati;*
ii. *Fit-18 ta' Settembru, 2013, ir-rikorrent gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti in segwitu ghal dan il-mandat ta' arrest ewropew;*
iii. *B'sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2013, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti ordnat li r-rikorrent jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn l-Italja;*
iv. *Fl-24 ta' Ottubru, 2013, ir-rikorrent ippresenta rikors ta' appell minn dik is-sentenza;*
v. *B'sentenza tal-25 ta' Novembru, 2013, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali laqghet l-appell tar-rikorrent u rrevokat s-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2013. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li l-mandat ta' arrest ewropew mahrug mill-awtoritajiet Taljani ghal 'ordinanza di custodia cautelare' ma jghaddix it-test ta' l-artikolu 5(4) ta' l-Ordni;*
vi. *Fis-26 ta' Novembru, 2013, u cioe` proprju l-ghada tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, l-artikolu 5(4) imsemmi gie emendat permezz ta' l-Avviz Legali 421 ta' l-2013;*
vii. *Fl-10 ta' Dicembru, 2013 inhareg it-tieni mandat ta' arrest ewropew mill-"GIP del Tribunale di Genova" li bih rega' intalab li r-rikorrent jigi mibghut minn Malta lejn l-Italja sabiex iwiegeb ghar-reati fuq elenkati;*
viii. *Fil-15 ta' Jannar, 2014, il-"Procura della Repubblica presso il Tribunale di Genova", tramite l-avukat Giovanni Arena, ta Avviso della Conclusione delle Indagini Preliminari fil-konfront tar-rikorrent u persuni ohra;*
ix. *Fl-20 ta' Mejju, 2014, ir-rikorrent rega' gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti in segwitu ghal dan it-tieni mandat ta' arrest ewropew;*
x. *B'sentenza tat-18 ta' Gunju, 2014, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti ordnat li r-rikorrent jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn l-Italja;*
xi. *Fl-24 ta' Gunju, 2014, ir-rikorrent ippresenta rikors ta' appell minn dik is-sentenza;*
xii. *B'sentenza tat-23 ta' Lulju, 2014, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali cahdet l-appell tar-rikorrent u kkonfermat is-sentenza tat-18 ta' Gunju, 2014, tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti.*

***1. ksur tad-drittijiet tieghu ta' protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti sanciti fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.***

***1.1*** *Illi r-rikorrent ghandu kundizzjoni mentali li giet spjegata mill-Psikjatra kuranti tieghu Joseph Spiteri. Dan il-Psikjatra spjega, u ser jerga' jispjega, li r-rikorrent, minhabba l-marda tieghu, gieli jkun suwicidali. Spjega wkoll li l-konsenja tar-rikorrent lejn il-pajjiz rikjedenti tista' twassal ghal manifest danger ghall-sahhtu. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti indirizzat dan l-istat ta' fatt b'rakkomandazzjoni lill-Awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u lill-Awtoritajiet Kompetenti tar-Repubblika ta' l-Italja sabiex jipprovdu f'kull hin dik l-assistenza u ghajnuna medika u farmacewtika kollha mehtiega lir-rikorrent sabiex il-kundizzjonijiet kollha tas-sahha tieghu kemm jista' jkun ma jigux pregudikati.*

*Illi huwa fatt maghruf li, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar, 2013, il-Qorti ta' Strasbourg, fil-kawza [ossia kawzi] fl-ismijiet **Torreggiani e altri v. Italia**, kienet qalet hekk:*

*" 87. La Corte ha appena constatato che il sovraffolamento carcerario in Italia non riguarda esclusivamente i casi dei ricorrenti (paragrafo 54 supra). Essa rileva, in particolare, che il carattere strutturale e sistematico del sovraffolamento carcerario in Italia emerge chiaramente dai dati statistici indicati in precedenza nonche` dai termini della dichiarazione dello stato di emergenza nazionale proclamata dal presidente del Consiglio dei ministri italiano nel 2010 (paragrafi 23-29 supra).*

*"88. Questi dati nel loro complesso rivelano che la violazione del diritto dei ricorrenti di beneficiare di condizioni detentive adeguate non e` la conseguenza di episodi isolati, ma trae origine da un problema sistematico penitenziario italiano, che ha interessato e puo` interessare ancora in futuro numerose persone ...".*

*Illi ghalkemm jidher li l-istat Taljan qieghed jittenta, proprju minhabba s-sentenza Torreggiani, li jindirizza din is-sitwazzjoni infelici u leziva ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni (vide Decreto svuota carceri 2014 – Legge 21 febbraio 2014, n. 10), sallum ma jezistu ebda dati godda mahruga mill-ISTAT (Istituto Italiano di Statistica) u wisq anqas ma jezistu dikjarazzjonijiet godda mic-Chamber of Judgment tal-Qorti ta' Strasbourg.*

*Illi jinghad bl-akbar rispett li r-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti u mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, partikolarment dawk li saru lill-Awtoritajiet Kompetenti tar-Repubblika ta' l-Italja, ma humiex idonei biex jindirizzaw il-problemi serji ta' sahha tar-rikorrent.*

*Illi, ghalhekk, in vista ta' dawn il-problemi ta' sahha mentali, l-ordni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, indipendentement mis-sitwazzjoni tal-habsijiet fl-Istat rikjedent kif ukoll, u multo magis, abbinata ma' din is-sitwazzjoni tal-habsijiet fl-Italja, hija leziva tad-drittijiet tieghu sanciti fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

***1.2*** *Illi l-posizzjoni tar-rikorrent fl-10 ta' Dicembru, 2013, u cioe` fil-gurnata meta inhareg it-tieni mandat ta' arrest ewropew mill-"GIP del Tribunale di Genova", kienet identika ghal dik li a bazi taghha t-treggiegh tieghu lejn l-Italja kienet giet michuda mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali bis-sentenza taghha tal-25 ta' Novembru, 2013. Id-divergenzi bejn l-ewwel mandat (dak tal-31 ta' Lulju, 2013) u t-tieni mandat kienu biss konsegwenza ta' misinformazzjoni sibillina moghtija mill-awtoritajiet tal-pajjiz rikjedent.*

*Illi filwaqt li fil-mandat tal-31 ta' Lulju, 2013 il-paragrafu (f) – optional information – thalla vojt u fih baqa' jidher il-kliem ta' l-istandard form "(NB : This could cover remarks on extraterritoriality, interruption of periods of time limitation and other consequences of the offence)", l-istess paragrafu fil-mandat ta' l-10 ta' Dicembru, 2013 gie mibdul biex jinkludi is-segwenti sentenza "The surrender is requested for the purposes of conducting a criminal prosecution, during which investigations may be carried out, which, however, shall always be authorised and supervised by a judge". Il-kliem "for the purposes of conducting a criminal prosecution" huma proprju l-kliem introdotti bl-artikolu 5(4) ta' l-Ordni permezz ta' l-Avviz Legali 421 ta' l-2013 li dahal fis-sehh l-ghada ta' l-ewwel sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.*

*Illi fil-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti, il-prosekuzzjoni esebiet kopja ta' Avviso della Conclusione delle Indagini Preliminari mahrug mill-"Procura della Repubblica presso il Tribunale di Genova" fil-konfront tar-rikorrent u persuni ohra liema dokument igib id-data tal-15 ta' Jannar, 2014. Dan id-dokument inhareg mhux biss wara l-ewwel sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali izda anke wara l-10 ta' Dicembru, 2013, u cioe` wara li nhareg il-mandat ta' arrest ewropew meritu ta' dawn il-proceduri.*

*Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti sahhqet li l-Qrati Maltin m'ghandhomx jaghlqu ghajnejhom ghal kollox u jsiru biss timbru ghal dak rikjest mill-Qrati Ewropej. Sfortunatament din id-dikjarazzjoni, ossia rakkomandazzjoni,*

*baqghet minghajr effett u l-informazzjoni zbaljata moghtija mill-awtoritajiet tal-pajjiz rikjedent ma gietx sindikata b'serjeta`.*

*Illi jinghad bl-akbar rispett li dan jikkostitwixxi trattament inuman ukoll in vjolazzjoni tad-drittijiet sanciti fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

***2. ksur tad-drittijiet tieghu ta' smigh xieraq sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.***

***2.1*** *Illi meta r-rikorrent gie arrestat fl-20 ta' Mejju, 2014, huwa inghata kopja ta' mandat li ma huwiex car jekk huwiex photocopy, fax jew xi haga ohra. Certament ma huwiex la kopja awtentikata u wisq inqas original.*

*Illi il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fuq eccezzjoni u aggravju rispettiv f'dan is-sens, irritenew li minn ezami akkurat tad-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi u minn ezami tal-mandat ta' arrest ewropew ippresentat fl-atti, ma kien hemm ebda dubju dwar l-awtenticita` tieghu u kwindi dan id-dokument kien bizzejjed u jissodisfa l-vot tal-ligi.*

*Illi fis-sentenza taghha il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet, sa certu punt gustament, li skond l-artikolu 7 ta' l-Ordni, meta l-Avukat Generali johrog certifikat dwar il-mandat ta' arrest ewropew, ikun qieghed jawtentika l-istess mandat. Jinghad bl-akbar rispett li ma jezisti ebda mezz ta' kontroll ta' l-operat ta' l-avversarju tar-rikorrent, u cioe` ta' l-Avukat Generali. L-artikolu 7 imsemmi jiddipartixxi mill-principji tal-gustizzja naturali u huwa wkoll in vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

***2.2*** *Illi fis-sentenza taghha tat-23 ta' Lulju, 2014, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat li l-Ordni (l-Avviz Legali 320 ta' l-2004) – liema Ordni huwa l-qafas ta' ligi li fuqu kienu qed isiru l-proceduri ta' l-estradizzjoni tar-rikorrent – ma kienitx giet "challenged" minn ebda Qorti Kostituzzjonali. L-argumentazzjoni tar-rikorrent fir-rigward ta' din il-ligi giet ghalhekk imwarrba. Effettivament ir-rikorrent intavola proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (bin-numru 152/2014 JRM) fl-ismijiet "Philip Mifsud v. Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja et.", liema proceduri ghadhom sallum pendenti. Dan il-fatt ingab ukoll a konjizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Din id-dikjarazzjoni tal-Qorti, bl-effetti li necessarjament gabet fuq l-ezitu*

*finali tal-vertenzi migjuba quddiema, hija wkoll in vjolazzc 02joni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

***3. ksur tad-drittijiet ghar-rispett ghall-hajja privata tieghu sancit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.***

*Illi l-bazi ta' l-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent huma intercettazzjonijiet telefonici mill-awtoritajiet Taljani mehudin minghajr il-warrants necessarji. Dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet ghar-rispett ghall-hajja privata tieghu sancit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Illi n-necessitajiet ta' l-Istat ghall-prevenzjoni tal-kriminalita` ghandha dejjem tibqa' fil-parametri ta' dak li tghid il-ligi. Wara kollox huwa l-Istat li jaghmel il-ligijiet u jekk ghogbu jintroduci kundizzjonijiet u kawteli, dawn ma jistghux jigu injorati mill-awtoritajiet ta' dak l-istess Stat.*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*(a) tiddikjara li r-rikorrent inkisirlu jew x'aktarx ser jinkisirlu d-drittijiet fondamentali tieghu ta' smigh xieraq kif provdut u sancit fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;*

*(b) tiddikjara li r-rikorrent inkisirlu jew x'aktarx ser jinkisirlu d-drittijiet fondamentali tieghu ta' smigh xieraq kif provdut u sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;*

*(c) tiddikjara illi l-artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004 huwa leziv ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;*

*(d) tiddikjara li r-rikorrent inkisirlu jew x'aktarx ser jinkisirlu d-drittijiet fondamentali ghar-rispett ghall-hajja privata tieghu sancit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;*

*(e) tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Lulju, 2014 hija nulla u bla effett.*

*(f) taghti dawk ir-rimedji li jidrilha xierqa u opportuna fic-cirkostanzi tal-kaz.*

L-intimat wiegeb b'risposta li pprezenta fil-25 ta' Awissu 2014 fejn ta r-ragunijiet tieghu ghalfejn il-pretensjonijiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Il-qorti semghet il-provi u t-trattazzjoni u rat l-atti.

**Eccezzjoni li rikors promotur hu frivolu u vessatorju.**

Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-Avukat Generali. Permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrent jilmenta li l-estradizzjoni lejn l-Italja ser twassal ghall-ksur tal-Artikoli 3, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewrope ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni. Hu minnu li gie konkluz il-process ta' estradizzjoni, pero' l-ilmenti li ressaq ir-rikorrent bir-rikors li pprezenta fid-29 ta' Lulju 2014, ma setghux u ma gewx trattati fil-process ta' estradizzjoni. Ghalhekk il-qorti ma taqbilx mal-Avukat Generali li b'din il-procedura r-rikorrent qieghed jitlob l-istharrig tad-decizjoni ta' estradizzjoni.

**Ksur tad-drittijiet ta' protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti skond l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.**

Dan l-ilment hu bbazat fuq li:-

i. Ir-rikorrent ibati minn kundizzjoni mentali;
ii. Is-sitwazzjoni tal-habsijiet gewwa l-Italja tilledi d-dritt fundamentali taht l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward saret riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tat-8 ta' Jannar 2013 fil-kaz **Torregiani et v Italja**.

Dwar il-kundizzjoni tal-habsijiet fl-Italja, il-qorti tirrileva:

i. Provi dwar il-kundizzjonijiet tal-habsijiet fl-Italja, ma tressqux. M'hemmx prova f'liema habs ir-rikorrent ser ikun detenut.
ii. Fis-sentenza **Torregiani et v Italja** (App. 43517/09), il-Qorti rrimarkat li hemm nuqqas f'diversi habsijiet fl-Italja. F'dak il-kaz l-applikanti kienu gew detenuti f'habsijiet f'Busto Arsizio u Piacenza. Il-qorti osservat li kien hemm ukoll nuqqas ta' ilma shun, nuqqas ta' dawl u ventilazzjoni fil-habs ta' Piacenza. Skond il-qorti dawn komplew iziedu s-sofferenza ghall-applikanti. Wara li l-qorti qieset kemm damu detenuti flimkien mal-kundizzjonijiet li fihom kienu detenuti, kkonkludiet li kienu soggetti ghal livell ta' hardship li fl-intensita kien jeccedi s-sofferenza accettabbli fil-perjodu ta' detenzjoni.
iii. Is-sentenza ta' Torregiani giet segwita mill-kazijiet **Stella and Others v Italy** (49169/09) u **Rexhepi v Italy** (47180/10) tas-16 ta' Settembru 2014, fejn il-Qorti Ewropea ddikjarat l-applikazzjonijiet inammissibbli. Il-qorti osservat li wara d-decizjoni fil-kaz ta' Torregiani, l-Istat Taljan kien introduca mizuri legislattivi ntizi biex isolvu l-problema ta' *overcrowding* fil-habsijiet fl-Italja. Mizuri li biha d-detenut inghata l-opportunita' li jressaq ilment quddiem l-awtorita' gudizzjarja dwar il-kondizzjonijiet materjali tad-detenzjoni tieghu. Il-qorti kompliet tghid li ma kienx hemm provi li r-rimedji ntrodotti ma kienux joffru mezz effettiv ta' rimedju ghall-ilmenti li jsiru taht l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk id-detenuti kellhom obbligu li juzufruwixxu ruhhom minn tali rimedji.

F'dan ix-xenarju l-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tasal ghal xi konkluzjoni b'riferenza ghal kundizzjonijiet li hemm fil-habsijiet gewwa l-Italja[1].

B'riferenza ghal kundizzjoni mentali tar-rikorrent f'din il-kawza xehedu:

i) **Il-psikjatra Dr Joseph Spiteri**, li ilu erba' snin jikkura lir-rikorrent:-

- Bejn is-6 ta' April 2014 sal-1 ta' Awissu 2014 ir-rikorrent kien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli;
- Ir-rikorrenti ghandu problemi ta' *depression* u problemi medici tal-qalb;
- Minhabba li jbati minn depressjoni r-rikorrenti ma jistax jesprimi ruhu filli jghid dak li qieghed ihoss;

[1] *"In certain circumstances Article 3 can have an extraterritorial effect. In the Soering case, the Strasbourg Court recognized that a Contracting Party may violate the obligations in Article 3 if its action exposes a person to the likelihood of ill-treatment in a place outside the jurisdiction of the Contracting Parties. The case concerned possible deportation to the United States where the 'death row phenomenon' was regarded as inhuman punishment.* ***The Court made clear that the violation of the Convention in such circumstances is that of the sending State****, and, by implication, the Court is not seeking to pass any judgment on a State which is not a party to the Convention"* (*Jacobs, White & Ovey The European Convention on Human Rights*, Robin C.A. White & Clare Ovey, Hames Edizzjoni, pagna 179).

- Meta ddahhal l-Isptar Mount Carmel kellu hsibijiet ta' suwicidju;
- 'Il biza' li ghandu hi li jkun 'il boghod mill-familja li qeghda tatih appogg kbir;
- Id-depressjoni hi kontrollata bil-medicina u bl-ambjent li fih qieghed jinzamm gewwa l-habs;
- Matul iz-zmien il-medicina li jiehu baqghet l-istess;
- Ir-rikorrent ma jitkellimx bit-Taljan u dan ser jikkawza diffikulta' biex jispjega x'qieghed ihoss;

Ix-xhud kien xehed ukoll fil-kaz **Il-Pulizija vs Philip Mifsud** (911/2013) fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013, meta qal:

- Ir-rikorrent ibati minn sintomi psikosomatici;
- Jiehu medicina Valdoxan u Cipralex biex jikkura d-dipressjoni;
- Ir-rikorrent ighaddi minn perjodi fejn ikun mhux hazin u ohrajn fejn ikollu hsibijiet ta' suwicidju;
- Bhala parti mit-trattament imur ghal sessjonijiet ta' psikoterapija;
- Persuna li jkollha l-kundizzjonjiet medici bhala dawk tar-rikorrent u ssiefer ma' nies li jkun hemm ostilita' maghhom, iwassal ghal detriment f'sahhtu;

Fl-istess seduta kien xehed ukoll il-kardjologu **Dr Robert Xuereb** li kkonferma li r-rikorrent ghandu pressjoni gholja, ghandu piz zejjed u kolesterol gholi. Ir-rikorrent inghata medicina biex tikkontrolla l-pressjoni gholja (Valsartan) u aspirina biex wiehed jipprevjeni kontra attakk tal-qalb. Ix-xhud spjega wkoll li saru testijiet fuq ir-rikorrent u f'wiehed minnhom irrizulta li kellu l-muskolu tal-qalb iktar ohxon milli suppost.

ii) Il-psikjatra **Dr Joseph Cassar**, fuq inkarigu tal-Gvern ezamina lir-rikorrent u xehed li:

- Bil-medicina li qed jiehu, m'hemmx sintomi biologici ta' depressjoni;
- Ir-rikorrent m'ghandux bzonn jigi rikonverat fi sptar ghall-kura mentali;
- Ma jistax ighid x'ser tkun ir-reazzjoni tar-rikorrent jekk jintbaghat l-Italja;
- Hu mistenni li r-rikorrent ikollu ansjeta' jekk jintbaghat l-Italja;
- Jekk jintbaghat l-Italja xorta ser ikollu bzonn jiehu l-medicina. Inoltre jrid ikun taht is-sorveljanza ta' psikjatra;

L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jipprovdi:-

*"No one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment"*.

Fil-kaz **Aswat v The United Kingdom** (17299/12) tad-9 ta' Settembru 2013, il-Qorti Ewropea osservat:-

*"50. On may occasions the Court has held that the detention of a person who is ill may raise issues under Article 3 of the Convention and that the lack of appropriate medical care may amount to treatment contrary to that provision (see Slawomir Musial v. Poland, no. 28300/06, §87, 20 January 2009 with further references therein). In particular, the assessment of whether the particular conditions of detention are incompatible with the standards of Article 3 has, in the case of mentally ill persons, to take into consideration their vulnerability and their inability, in some cases, to complain coherently or at all about how they are being affected by any particular treatment"*.

Qalet ukoll:

*"52. Whether or not the applicant's extradition to the United States would breach Article 3 of the Convention very much depends upon the conditions in which he would be detained and the medical services that would be made available to him there"*.

M'hemmx dubju li l-kondizzjoni medika tar-rikorrenti m'hijiex ottimali. Il-qorti m'ghandhiex dubju li 'l fatt li r-rikorrent:-

i. jbati minn depressjoni li hi kontrollata bil-medicina;
ii. ser jintbaghat f'pajjiz esteru li mieghu ma jidhirx li ghandu xi konnessjoni;
iii. jitlef il-kuntatt regolari u dirett mal-membri tal-familja tieghu;
iv. jiffacca proceduri kriminali;

ser ifissru sfida ghar-rikorrent. Certament li ghalih ikun ideali li jibqa' fl-ambjent li jinsab fih illum.

Il-qorti tinnota wkoll li m'ghandha l-ebda taghrif f'liema habs ser jintbaghat kif jasal l-Italja[2], meta ser jibdew il-proceduri kriminali, kemm ser idum arrestat sakemm isir il-process kriminali, u x'tip ta' kuntatt jista' jkollu mal-membri tal-familja tieghu u kemm regolari. Lanqas ma nghata taghrif f'liema habs ir-rikorrent ser jiskonta piena karcerarja fl-eventwalita' li jinstab hati tal-akkuzi u jinghata piena ta' habs, ghalkemm il-qorti fehemet li f'kaz ta' bzonn jista' jintbaghat f'wiehed minn tlett habsijiet li fihom hemm taqsima tal-psikjatrija (ara dikjarazzjoni datata 28 ta' Awissu 2014). Madankollu ma jirrizultax kif tittiehed id-decizjoni u f'liema stadju jista' jintbaghat f'wiehed minn dawk il-habsijiet. Min-naha l-ohra l-Ministeru tal-Gustizzja Taljana ikkonferma li:-

*"Con riferimento alle condizioni di salute di MIFSUD Philip, del quale si richiede la consegna su mandato di arresto europeo,* ***si comunica che le persone detenute negli istituti penitenziari italiani ricevono la stessa assistenza sanitaria che viene fornita ad un libero cittadino****, sia attraverso gli specialisti medici che operano all'interno degli istituti penitenziari e sia attraverso ricoveri in luoghi di cura esterni"* (fol. 46).

Fil-kaz ta' **Aswat** il-qorti kkonkludiet li:-

*"57 ….. **in light of the current medical evidence**, the Court finds that there is a real risk that the applicant's extradition to a different country and to a different, and potentially more hostile, prison environment would result in a* ***significant deterioration in his mental and physical health and that such a deterioration would be capable of reaching the Article 3 threshold*** *(see Bensaid v. the United Kingdom, cited above, §37)".*

Ghalkemm waqt it-trattazzjoni saret riferenza ghal din is-sentenza, fil-fehma tal-qorti c-cirkostanzi tal-kaz in ezami huma differenti. Fil-kaz ta' Aswat l-applikant:

- kien detenut fl-Ingilterra gewwa *high-security psychiatric hospital* sa mis-sena 2008. Ghalkemm kien jirrizulta li l-kundizzjoni medika tieghu kienet giet stabbilizata bil-medicina, id-detenzjoni tieghu fl-isptar psikjatriku kien necessarju ghas-sahha u sigurta tieghu. Fil-kaz in ezami r-rikorrent bhalissa detentut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.
- kien isofri minn *paranoid schizophrenia* u l-kundizzjoni medika tieghu kienet giet deskritta bhala severa. Kien hemm evidenza li l-applikant ftit li xejn kellu gharfien tal-mard li kien qieghed ibati minnu.

[2] L-Awtoritajiet Taljani kkonfermew bil-miktub li fl-Italja hemm habs f'Torino Lorusso, Cutugno u Milano San Vittore *"…. Dotati di reparto psichiatrico per la cura della salute mentale e le terapie psichiatriche"* (fol. 46).

- ma kenitx inghatat garanzija li l-applikant ma jinzammx gewwa l-habs ADX Florence, fejn kien jigi espost ghal *"highly restrictive regime"* b'perjodi twal ta' izolament. Fil-kaz in ezami m'hemm xejn simili;

Li ma semmiex ir-rikorrent hu li eventwalment il-Qorti Ewropea, b'decizjoni tas-6 ta' Jannar 2015 (App. 62176/14) ikkonkludiet li issa ma setax jinghad li l-estradizzjoni tal-applikant lejn l-Amerika kien jirraprezenta *"….. a real risk that the applicant would be subjected to ill-treatment contrary to Article 3 if extradited"*. Konkluzjoni li l-qorti waslet ghaliha wara li kkunsidrat certu assigurazzjonijiet li nghataw mill-Istati Uniti ghalkemm ma jirrizultax li kien hemm titjieb fil-kundizzjoni medika tal-applikant. Tant hu hekk li l-qorti osservat:-

*"31. The Court is satisfied that the concerns raised in its earlier judgement have been directly addressed. The domestic authorities have clearly and judiciously considered the severity of the applicant's mental health problems in addition to the availability of relevant and sufficient accomodation and treatment starting from the pre-trial period and continuing to the post-conviction period"*.

Fil-kaz ta' **Bensaid** (numru 44599/98) deciz fis-6 ta' Frar 2001, il-Qorti Ewropea accettat li l-Artikolu 3 jista' japplika wkoll minhabba l-kundizzjoni medika tar-rikorrent; *"… the court examined whether there is a real risk that the applicant's removal would be contrary to the standards of Article 3 in view of his present medical condition"*. F'dak il-kaz l-applikant kien isofri mill-iskizofrenija. Fir-rikors promotur ir-rikorrent jilmenta li l-minhabba l-problemi ta' sahha mentali li ghandu, l-ordni ta' estradizzjoni hi fiha nnifisha leziva tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea[3]. Il-qorti kkonkludiet:

*"40. The Court accepts the seriousness of the applicant's medical condition. Having regard, however,* ***to the high threshold set by Article 3****, particularly where the case does not concern the direct responsibility of the Contracting State for the infliction of harm,* ***the Court does not find that there is a sufficiently real risk that the applicant's removal in these circumstances would be contrary to the standards of Article 3****"*.

Hu stabbilit li:

*"Ill-treatment 'must attain a minimum level of severity' if it is to amount to inhuman treatment contrary to Article 3. In particular,* ***it must 'cause either actual bodily harm or intense physical or mental suffering'****. Where relevant the suffering caused must go beyond that inevitable element of suffering' that results from a 'given form of legitimate treatment or punishment'"* (*Harris, O'Boyle & Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights*, Oxford, Tieni Edizzjoni, pagna 75).

[3] Ara tielet paragrafu tal-hames faccata tar-rikors promotur.

Mid-deposizzjoni tat-tobba l-qorti m'hijiex sodisfatta li l-kundizzjoni medika attwali tar-rikorrent hi tant severa li tista' tigi deskritta bhala li taqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Il-qorti lanqas mhi konvinta li l-istat ta' sahha mentali tal-konvenut hi tali li tirrendih inkapaci li meta jkun fl-Italja, jikkomunika b'mod koerenti dwar dak li qieghed ihoss. Il-qorti lanqas mhi konvinta li l-istrutturi attwali tal-habsijiet fl-Italja huma tali li ma jippermettux li r-rikorrent jircievi l-kura li ghandu bzonn. Ghalkemm jezisti riskju li l-estradizzjoni jkollha effett fuq is-sahha tar-rikorrent gialadarba ser ikun qieghed f'pajjiz barrani, madankollu wiehed ma jistax joqghod jispekula li mhux ser jircievi ghajnuna fosthom il-medikazzjoni li jkollu bzonn. F'dan il-kuntest Dr Cassar xehed:-

*"Jien ma nistax nanticipa r-reazzjoni ta' Mr Mifsud jekk ma jibqax detenut il-Habs ta' Kordin.* ***L-impressjoni li hadt jien fil-laqgha li kelli mieghu hu illi huwa bniedem resilient. Pero' ma nafx kif ser jirreagixxi jekk jintbaghat f'habs l-Italja****. Wiehed jistenna illi se jkun hemm sitwazzjoni ta' ansjeta' min-naha ta' Mr Mifsud jekk kellu jintbaghat f'habs fl-Italja. Dan 'il fatt wahdu, ikollokx depression jew le, jekk taf li inti se tintbaghat f'pajjiz iehor fejn qed tinqata' mir-roots tieghek, se jkun hemm ansjeta'.* ***Issa li ma nafux hu kif dik l-ansjeta' x'konsegwenza se jkollha mehud in konsiderazzjoni d-depressjoni li ghandu l-pazjent"*** (fol. 37).

Jidher li bil-mard li ghandu r-rikorrent u l-istat ta' sahha attwali tieghu jekk wiehed jaghmel xi konkluzjonijiet ikun qieghed jispekula. Hu veru li t-tabib kuranti tar-rikorrent qal li kien hemm okkazzjonijiet meta r-rikorrent kellu hsibijiet ta' suwicidju, madankollu m'hemmx provi indipendenti u konvincenti ta' natura psikjatrika li jindikaw li hemm riskju kbir ta' suwicidju jekk ir-rikorrent jintbaghat l-Italja.

Fic-cirkostanzi dan l-ilment ser jigi michud. Dak li nghad hawn fuq japplika wkoll fir-rigward tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll li kien hemm ksur ta' dawn il-provvedimenti ghaliex kien diga' ghadda minn process ta' estradizzjoni u b'sentenza tal-25 ta' Novembru 2013 l-Qorti tal-Appell Kriminali rrevokat is-sentenza tal-ewwel qorti u cahdet it-talba ghall-estradizzjoni. Il-qorti rragunat li gialadarba r-rikorrent ma kienx akkuzat fl-Italja allura ma kienx hemm wiehed mill-elementi ghall-estradizzjoni. Il-qorti osservat: *"Illi minn dan kollu jemergi li l-MAE kif mahrug mill-awtoritajiet Taljani semplicement ghal 'ordinanza di custodia cautelare' ma jghaddix it-test tal-Artikolu 5(4) ta' l-Ordni[4]. Hu car li f'dak l-istadju l-persuna ghadha*

[4] F'dak iz-zmien regolament 5(4) tal-Avviz Legali 320 tal-2004 kien jipprovdi:-
*"Id-dikjarazzjoni hi wahda li –*
*(a) il-persuna li dwarha jinhareg il-mandat tkun akkuzata fil-pajjiz skedat bl-ghemil ta' reat imsemmi fil-mandat, u*

*persuna ndagata u mhux akkuzata. Kif l-awtoritajiet Taljani jaghlqu l-investigazzjoni taghhom u jinhareg MAE ghal rinvio a giudizio ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu ghat-trasferiment tas-suggett fil-gurisdizzjoni Taljana".* Mill-atti tal-proceduri kriminali jirrizulta li nhargu zewg European Arrest Warrants[5] li tista' tghid li huma identici bid-differenza fid-data, il-persuna li ffirmat il-mandat u fit-tieni wiehed jinghad ukoll:-

*"(f)…….*

*The Surrender is requested **for the purposes of conducting a criminal prosecution**, during which investigations may be carried out, which, however, shall always be authorised and supervised by a judge".*

L-ghada tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali sar l-Avviz Legali 421 tal-2013 li ssostitwixxa regolament 5(4) tal-Avviz Legali 320 tal-2004 b'regolament gdid li jaqra:

*"(4) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3)(a) hi waħda li l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat hija mfittxija f'Malta **għall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali** għall-għemil ta' reat imsemmi fil-mandat.".*

Skond *Council Framework Decision on the European Arrest Warrant and the Surrender Procedures Between Member States*, European Arrest warrant jinhareg:

*"[….] for the purpose of **conducting a criminal prosecution** or executing a custodial sentence or detention order".*

Fis-sentenza tal-25 ta' Novembru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet li l-ligi Maltija kienet tezigi li estradizzjoni tista' ssir biss fil-konfront ta' persuna akkuzata. Dan irrispettivament ta' x'tipprovdi d-Decizjoni Kwadru. Hu minnu li dik id-decizjoni wasslet biex isir it-tieni process ta' estradizzjoni, hekk kif nbidel ir-regolament 5(4). Ghall-qorti hu evidenti li minhabba l-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali interpretat ir-regolament 5(4), l-ghan wara s-sostituzzjoni tal-Artikolu 5(4) hu li jigi zgurat li l-ligi lokali tkun konformi mad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill fuq Ordni Ewropew ta' Arrest tat-13 ta' Gunju 2002. F'dan il-qorti ma tarax kif l-Avviz Legali 421 tal-2013 wasslet ghall-ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Dan ma kienx xi kaz fejn l-Istat b'intenzjoni premeditata

(b) *il-mandat jinhareg bil-ghan ta' l-arrest u l-estradizzjoni tal-pesuna lejn il-pajjiz skedat bil-ghan li jinbdew proceduri kontriha ghal dak ir-reat".*

[5] It-talba ghall-estradizzjoni kienet originarjament bazata fuq European Arrest Warrant datat 31 ta' Lulju 2013. Fit-tieni procedura gie pprezentat European Arrest Warrant dat 10 ta' Dicembru 2013.

ghamel xi haga sabiex persuna tkun soggetta ghall-trattament inuman u degradanti. L-emenda li saret sempliciment ipprovdiet biex ticcara kull incertezza sabiex jigi zgurat li r-regolament ikun konformi mad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill.

**Ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni).**

Ir-rikorrenti jsostni li ma jezisti l-ebda mezz kif hu jikkontrolla lill-Avukat Generali meta hareg ic-certifikat dwar il-mandat ta' arrest mahrug fl-Italja. Ghalhekk ir-regolament numru 7 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 imur kontra l-principji tal-gustizzja naturali in kwantu jivvolja l-jedd ghal smiegh xieraq.

Hemm gurisprudenza li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax ghall-proceduri ta' estradizzjoni (ara per ezempju **H v Spain**, App. 10227/82; **E.G.M. v Luxembourg**, App. 24015/94; **Salgado v Spain**, App. 65965/01; u **Kirkwood v United Kingdom**, App. 10479/83 decizi mill-Kummissjoni). Hemm ukoll il-kaz ta' **Mondero Angora v Spain** (App. 41138/05) li b'decizjoni tas-7 ta' Ottubru 2008 gie ddikjarat inammissibbli. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani qalet:

*"the extradition procedure does not involve the determination of the applicant's civil rights and obligations or of a criminal charge against him within the meaning of Article 6 of the Convention (see Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002)".*

F'kull kaz, ir-regolament numru 7 jipprovdi:-

*"L-Avukat Generali jista', skond ma jkun jahsibha hu personalment, johrog certifikat li juri li l-awtorita' li tkun harget mandat taht it-Taqsima II ikollha l-funzjoni li tohrog mandati ta' arrest fil-pajjiz rikjedenti u dak ic-certifikat ghandu jkun wiehed konkluziv f'dak li jkun juri".*

Fis-6 ta' Marzu 2014 l-Avukat Generali hareg ordni taht ir-Regolament 7 li jaqra:

*"Niccertifika li l-Giudice per le Indagini Preliminari fi hdan it-Tribunale di Genova, li hu l-awtorita' li hareg il-Mandat taht it-Taqsima II ta' dan l-Ordni kontra Philip Mifsud, cittadin Malti, imwieled Malta, nhar is-27 ta' Marzu, 1955, ghandu l-funzjoni li johrog mandati t'arrest fl-Italja".*

Ir-rikorrent m'huwiex jikkontesta li fl-Italja l-Imhallef ghall-indagni preliminari ghandu l-awtorita' li johrog Mandat ta' Arrest Ewropew. Fir-realta' dak hu li ccertifika l-Avukat Generali bid-dikjarazzjoni tas-6 ta' Marzu 2014, u xejn iktar. Madankollu hemm gurisprudenza li tghid li c-certifikat li johrog l-Avukat Generali jservi wkoll biex jawtentika l-mandat ta' arrest[6].

Id-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tipprovdi ghall-mekkanizmu ta' hrug ta' Mandat ta' Arrest Ewropew bazat fuq kunfidenza bejn l-Istati Membri. Tipprovdi wkoll li l-awtorita' gudizzjarja rikjedenti tista' tibghat il-mandat ta' arrest b'kull mezz sigur li jippermetti lill-Istat Membru li ser jezegwih li jistabbilixxi l-awtenticita' tieghu. Mill-atti tal-proceduri kriminali jirrizulta li l-Ministeru tal-Gustizzja fl-Italja baghat fax lill-Avukat Generali datata 19 ta' Dicembru 2013 fejn jinghad hekk:-

*"OGGETTO: MIFSUD Philip, nato il 27.3.1955 – Mandato di arresto europeo.*

*Si trasmette il mandato di arresto europeo emesso il 10.12.2013 dal Giudice per le indagini preliminari del Tribunale di Genova nei confronti di MIFSUD Philip, nell'ambito del procedimento penale n 682/12/21 R.G. P.M., n 310/13 R.G. Gip.*

*Il mandato di arresto europeo e' accompagnato da un documento della Procura della Repubblica presso il Tribunale di Genova del 4.12.2013.*

*Si conferma di inviare il testo originale del mandato di arresto europeo e del documento allegato, con la traduzione in lingua inglese".*

Mehmuz mad-dokument kien hemm fost'affarijiet ohra kopja tal-mandat ta' arrest mahrug fl-10 ta' Dicembru 2013 minn Dott. Adrian Petri, li fil-mandat hi deskritta bhala Giudice Per Le Indagini Preliminari. Fl-istess atti hemm traduzzjoni fil-lingwa Ingliza tal-istess dokument[7].

Skond Artikolu 10(5) tad-Decizjoni Kwadru:-

*"All difficulties concerning the transmission or the authenticity of any document needed for the execution of a European arrest warrant shall be dealt with* ***by direct contacts***

[6] Qorti tal-Appell Kriminali fil-kazijiet **Il-Pulizija vs Ebeid Osama** tad-9 ta' Ottubru 2007 u **Il-Pulizija vs Laurence Liegeois** tat-23 ta' Frar 2010.
[7] Ara Dok. MC1 a fol. 5.

***between the judicial authorities involved**, or, **where appropriate with the involvement of the central authorities of the Member State**".*

Mela d-Decizjoni Kwadru qeghda tikkontempla sitwazzjoni fejn il-qrati Maltin ikollhom **kuntatt dirett** mal-awtoritajiet gudizzjarji tal-Istat Membru li jkun qieghed jitlob l-estradizzjoni[8]. L-ghan wara din id-Decizjoni Kwadru kien sabiex fejn ikunu nvoluti Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, tiehu l-post ta' proceduri ta' estradizzjoni twal bl-introduzzjoni ta' procedura gudizzjarja iktar semplici u bazata fuq kuntatt dirett bejn l-awtoritajiet gudizzjarji. Dan hu pozittiv ferm sabiex titnaqqas il-formalita' u f'sens ta' iktar koperazzjoni bejn is-sistemi gudizzjarji tal-Istati Membri. Fis-sentenza **Carmelo Borg et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et** tal-15 ta' Mejju 2006, il-Qorti Kostituzzjonali qalet: *"principju bazilari huwa dak tal-fiducja reciproka li dawn il-pajjizi ghandhom fis-sistema gudizzjarja ta' xulxin"*. Fil-kaz in ezami ma jidhirx li l-qorti ghamlet xi kuntatt mal-awtorita gudizzjarja Taljana li harget il-mandat ta' arrest, u ddependiet fuq il-verifiki li saru mill-awtorita' centrali (l-Avukat Generali). Pero' lanqas ma jirrizulta li fil-kors tal-process ir-rikorrent talab ghal xi taghrif minghand l-Avukat Generali dwar l-awtenticita' tad-dokumenti. Fil-fehma tal-qorti rrispettivament x'jinghad fl-Artikolu 7 tal-Avviz Legali 320 tal-2004, m'hemm xejn x'izomm lill-awtorita gudizzjarja f'Malta milli direttament taghmel il-verifiki taghha mal-awtorita' gudizzjarja rikjedenti, jekk jidhrilha li hemm xi diffikulta dwar l-awtenticita tal-mandat ta' arrest. Min-naha tal-rikorrent, il-qorti tosserva li fil-process ta' estradizzjoni ha posizzjoni passiva, fis-sens li llimita ruhu biex isostni li d-dokumenti m'humiex awtentikati, minghajr ma ha azzjoni pro-attiva biex jekk kellu xi dubji jnehhihom. Min ikun intimat f'proceduri simili jrid jiftakar li l-procedura ta' estradizzjoni m'hijiex xi kawza kriminali fejn il-prosekuzzjoni trid taghti prova ta' htija ta' reat. Imbaghad skond l-Artikolu 5(9) tal-istess Avviz Legali:-

*"Mandat ta' arrest li din it-Taqsima tapplika għalih jista' jkun trasmess b'kull mezz sikur li tista' tinħareġ reġistrazzjoni bil-miktub tiegħu u bih ikunu jistgħu jingħataw records bil-miktub u **taħt dawk il-kondizzjonijiet li jkunu jippermettu li tiġi żgurata l-awtentiċità tiegħu**".*

Ghalhekk minkejja d-dikjarazzjoni tal-Avukat Generali mahruga skond Artikolu 7, fih innifsu l-mandat ta' arrest irid jintbaghat b'mezz sikur li jippermetti li **tigi zgurata l-awtenticita' tieghu**. Kliem li ghall-qorti juri li rrispettivament mid-dikjarazzjoni tal-Avukat Generali, il-qorti Maltija trid tkun sodisfatta mill-awtenticita' tad-dokument. F'proceduri ta' din ix-xorta l-qorti ma tara l-ebda ostakolu li tkun il-qorti Maltija li quddiemha jkunu qeghdin jinstemghu l-proceduri ta' estradizzjoni li taghmel verifiki dwar l-awtenticita' tal-mandat ta' arrest li jkun

[8] Artikolu 10(5) tad-Decizjoni Kwadru tipprovdi: *"All difficulties concerning the transmission or the authenticity of any document needet for the execution of the European arrest warrant shall be dealt with by direct contacts between the judicial authorities involved…..".*

intbaghat mill-qorti barranija. Wara kollox hekk ukoll jipprovdi Artikolu 10(5) tad-Decizjoni Kwadru.

Il-qorti tosserva wkoll li mill-atti tal-process kriminali jirrizulta li kopja tal-mandat ta' arrest intbaghat mill-Ministeru tal-Gustizzja Taljana[9]. Sahansitra ntbaghatet ukoll Notifika tal-Konkluzjoni tal-Investigazzjoni Preliminari mahruga mill-Ufficcju tal-Prosekutur fil-Qorti ta' Genoa, datat 15 ta' Jannar 2014 fejn jissemma r-rikorrent u jinghad x'inhuma l-akkuzi kontra tieghu[10]. Fil-fehma tal-qorti ikun floku jekk l-awtorita centrali tkun persuna indipendenti mill-ufficcju tal-Avukat Generali. Awtorita' centrali li ghandha sservi bhala *reference point* ghall-qrati f'kazijiet simili. Qieghed jinghad hekk ghaliex dan l-ufficcju, li joffri s-servizzi legali lill-Gvern, hu l-ufficcju li jmexxi l-process ta' estradizzjoni. Madankollu mill-atti tal-process kriminali l-indikazzjoni hi li l-mandat ta' arrest hu awtentiku u mhux xi dokument fabbrikat minn xi terza persuna li ghandha intenzjonijiet malizzjuzi. Sahansitra ntbaghatet ukoll Notifika tal-Konkluzjoni tal-Investigazzjoni Preliminari mahruga mill-Ufficcju tal-Prosekutur fil-Qorti ta' Genoa, datat 15 ta' Jannar 2014 fejn jissemma r-rikorrent u jinghad x'inhuma l-akkuzi kontra tieghu[11].

Meqjusa dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li l-ilment tar-rikorrent hu nfondat.

**Ksur ghall-hajja privata tar-rikorrrent (Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea)**.

Ir-rikorrent jilmenta li jekk jintbaghat l-Italja, fil-process kriminali ser jintuzaw kontra tieghu intercettazzjonijiet telefonici li saru minghajr l-ordnijiet necessarji. Ir-rikorrent isostni li dan hu ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

i. provi b'riferenza ghal dan l-ilment ma tressqux; bhal fhix jikkonsistu l-intercettazzjonijiet telefonici, min ghamilhom u fuq ordni ta' min saru. Lanqas mhu maghruf xi provi ser jitressqu fil-proceduri kriminali li ser jittiehdu kontra r-rikorrent.
ii. ilment ta' din ix-xorta ghandu jsir fil-process kriminali fl-Italja. Ir-rikorrent ser ikun assistit minn avukat u ser ikollu opportunita' li jressaq id-difiza tieghu, fosthom fuq l-ammissibilta' ta' provi tal-prosekuzzjoni.

9 Ara fol. 197-203 tal-proceduri ta' estradizzjoni 495/2014.
10 Ara fol. 103-112 tal-proceduri ta' estradizzjoni 495/2014.
11 Ara fol. 103-112 tal-proceduri ta' estradizzjoni 495/2014.

iii. Il-process kriminali ser ikun regolat mil-ligi Taljana. Ghalhekk hi l-Qorti Taljana li trid tiddeciedi dwar l-ammissibilita' ta' provi li jigu prodotti waqt is-smiegh tal-provi.

iv. M'hemm xejn milli jzomm lir-rikorrent li jressaq dan l-ilment quddiem qorti fl-Italja. M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tistharreg allegat ksur ta' drittijiet fundamentali ghal dak li jikkoncerna xi provi li jistghu jintuzaw fil-process kriminali fl-Italja. Dan apparti li l-Istat Taljan m'huwiex parti ghall-kaz li qieghed jigi deciz illum.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------